MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Numru 1021/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**

v

**PIERINO FIORINI**
**STELLA FIORINI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **PIERINO FIORINI** ta' tmienja w hamsin sena, bin Joseph u Mary nee Salafia, imwieled Poala nhar d-disgha ta' Awissu 1945 u residenti 'Stellina', Triq Cikku Saliba, Hal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita numru 654545M u **STELLA FIORINI** ta' tlieta w hamsin sena, mart Pierino, bint Joseph Gravina u Carmela nee Borg, imwielda Hal Qormi nhar t-tletin ta' Gunju 1950 u residenti 'Stellina', Triq Cikku Saliba, Hal Tarxien, detentrici tal-

karta tal-identita numru 585650M, gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Fit-tlettax ta' Dicembru 2003, u fi zminijiet qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ircivew minn xi haddiehor jew kisbu minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilhom jew lil ohrajn b'korrispittiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b'eccess minn dak li jkun permess mill-ligi;

2. Talli fl-istess cirkostanzi, minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita kompetenti ghamlu kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr licenzja mill-Awtorita kompetenti u cioe sellfu flus bl-imghax lil diversi nies;

3. Talli fl-istess cirkostanzi, kisru jew naqsu li jharsu xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta'l-Att XXII tal-1994 jew xjentement kienu parti fl-ghemil, jew ipprokuraw jew ghenu jew hajjaru l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Att XXII tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;

4. Talli fl-istess cirkoztanzi, ghexu ghal kollox jew in parti mill-qligh tal-prostituzzjoni ta' Maria Fatima Mifsud w ohrajn;

5. **LIL PIERINO FIORINI WAHDU** talli fl-istess cirkoztanzi hedded lil Maria Fatima Mifsud b'arma li taqta u bil-ponta; u

6. Talli fl-erbatax ta' Dicembru 2003, u fiz-zminijiet precedenti f'Hal Tarxien u f'postijiet ohra, zamm sikkina b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha w ghoxrin ta' Dicembru 2003 [fol 16] u l-Fiat tal-istess Avukat Generali ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Att tas-sena 1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta datat erbgha w ghoxrin ta' Dicembru 2003 [fol 18 -

19] sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2003 [fol 10].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz l-kopja tal-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman [fol 69 et seq tal-atti].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta ta' nhar t-tmintax ta' Jannar 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2003 **xehed l-Ispettur Joseph Cordina** [fol 11] fejn qal li ghal bidu tax-xahar kien gie mitlub jinvestiga kaz ta' uzura li kienet irrappurtat Maria Fatima Mifsud lil Pulizija tal-Vice Squad. Qal li Maria Fatima Mifsud kienet ghamlet aktar minn gimgha mahruba mid-dar taghha u l-Pulizija kellha ndikazzjonijiet waqt t-tfittxija ghaliha, li din setghet harbet mid-dar minhabba li dahlet f'xibka ta' uzura u li kienet imbezzgha minn xi theddid.  Qal li fil-fatt din kienet instabet u xehdet quddiem il-Magistrat Inkwerenti Dottor Miriam Hayman fejn, fost in-nies li semmiet, kien hemm l-imputati odjerni u fejn qalet wkoll li kienet inqabdet f'xibka t'uzura u kellha taghti xi flus.  Qal li Maria Fatima Mifsud kienet semmiet lil Stella Fiorini u lil zewgha Pierino Fiorini li joqghodu Hal Tarxien.

Ix-xhud zied jghid li ghalhekk hu baghat ghaz-zewg imputati u wara li tahom s-solita twissija, hadilhom stqarrija w ghamlilhom tfittxija fid-dar taghhom fejn sab xi kotba tal-bank li ma kienux taghhom.  Qal li fost dawn il-kotba tal-bank kien hemm ta' Maria Fatima Mifsud, ta' bintha Grace Grech u ta' persuni ohra.  Qal li waqt l-istqarrija taghhom dawn qalulu li Maria Fatima Mifsud

kienet isselfet xi flus minghandhom peress li kienu jsellfu l-flus.  Qal li fil-fatt l-imputat kien qallu, li martu Stella Fiorini kienet ilha ssellef l-flus min mindu kellha sbatax il-sena u li kienet wirtet dan il-mistier minghand nannuha. Qal li l-imputat kien qallu li d-dokument li kien gabar mid-dar tieghu u cioe l-ktieb tal-bank ta’ Maria Fatima Mifsud, kien ghandu peress li kien prokuratur taghha u ta’ bintha Grace biex ikun jista jirrapprezenthom.  Ix-xhud zied jghid li l-imputat kien qallu li l-ktieb taghha kien ghandu sabiex kull meta jkollha thallsu, hu ikun jista jigbed l-flus mill-kont taghha u fil-fatt hekk kien jigri.  Qal li dawn hekk kienu jaghmlu, kienu jifthu ktieb l-bank, izommuh l-koppja Fiorini u f’dak l-kont kienu jidhlu c-*childrens’ allowance*, cekkijiet tar-*relief* u ta’ mard ta’ Maria Fatima Mifsud.  Qal li l-koppja Fiorini kienu jigbdu dawn il-flus u jzommu c-cekkijiet tar-*relief*, tac-*childrens’ allowance* u tal-mard ghalihom, *childrens’ allowance* u tal-mard jinghataw *cash* lil Maria Fatima Mifsud u din tal-ahhar dawn il-flus taghtihom lil haddiehor ghad-dejn li kellha ma haddiehor li ghaddejjin proceduri f’Qorti ohra diversament preseduta.

Ix-xhud kompla jghid li hu staqsa lil imputat ghaliex kienqed isir hekk u dan qallu li kien aktar facli ghal Maria Fatima Mifsud li zzomm kollox hi u lilu taghtih c-cekk u hu kien irrispondih li ma kienx ahjar, ghaliex l-arrangament kien li jzommhomlha hu ghaliex setghet titlifhom.  Qal li hu kien issuggerixxa lil imputat li Maria Fatima Mifsud setghet giet imgieghlha thalli dak l-ktieb tal-bank ghandu u l-imputat kien irrispondih li hu kien staqsiha hafna drabi lil Maria Fatima Mifsud kif kienet ser thallas fuq self, ghaliex qabel ma kienux jhallsuhom w ghalhekk kienu ftehmu hekk.  Ix-xhud qal li l-imputat kien qallu li l-ftehim kien li jinfetah bank b’*direct debit* u kif jaslu jhallsuh, u ghamlu prokura sabiex hu ikun jista jmur hu stess.  Ix-xhud zied jghid li l-imputat kien qallu li l-arrangament kienet ghamlitu martu l-imputata Stella Firoini pero kien hu li kien imur jigbor l-flus.

Ix-xhud esibixxa ricevuta li hi ta lil koppja Fiorini datata tlettax ta’ Dicembru 2003 tal-affarijiet li hu kien gabar mid-dar taghhom waqt t-tfittxija, li giet mmarkata bhala dokument JC [fol 20], ricevuta tal-ktieb tal-bank ta’ Grace

Grech li giet mmarkata bhala dokument JC 1 [fol 22], stqarrija rilaxxjata mill-imputat Pierino Fiorini nhar t-tlettax ta' Dicembru 2003 li giet mmarkata bhala dokument JC 2 [fol 23] fejn fuqha gharaf kemm il-firma tieghu, dik tas-Surgent Ivan Cilia filwaqt li l-imputat ghazel li ma jiffirmahiex. Esibixxa wkoll t-tieni stqarrija tal-imputat li giet mmarkata bhala dokument JC 3 [fol 26] u zied jghid li din ittehditlu peress li kellu ndikazzjoni li l-imputat kellu sikkina li biha darba kien hedded lil Maria Fatima Mifsud fil-karozza tieghu u fil-fatt meta saret tfittxija fil-vettura tal-imputat din s-sikkina nstabet hemm. Ix-xhud esibixxa din l-*butterfly knife,* li giet mmarkata bhala dokument JC 16. Ix-xhud esibixxa wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata Stella Fiorini wara li taha s-solita twissija fejn din kienet ghazlet li tiffirmaha u fuqha gharaf kemm il-firma tieghu, dik ta' WPC 249 Maruska Debattista kif wkoll l-firma tal-imputata, liema stqarrija giet mmarkata bhala dokument JC 4 [fol 28]. Esibixxa wkoll animo ritirandi l-ktieb tal-bank ta' Maria Fatima Mifsud tal-Bank of Valletta numru tal-kont 40012059067, liema ktieb instab fid-dar tal-konjugi Fiorini u li gie mmarkat bhala dokument JC 9 [fol 36]. Esibixxa bhala dokument JC 10 [fol 36] skrittura privata datata tmienja ta' Marzu 2001 bejn Maria Fatima Mifsud u Pierre u Stella konjugi Fiorini dwar self ta' tlett elef mija u hamsin lira fejn kellhom xi pagamenti ta' mija w ghoxrin lira 'l wiehed, li wkoll instab ghand l-imputati. Esibixxa wkoll ktieb tal-bank ta' Grace Grech, kont numru 40012805208 li gie mmarkat bhala dokument JC 11 [fol 36], skrittura privata datata tmienja ta' Marzu 2001 bejn Grace Grech u l-konjugi Pierre u Stella Fiorini ghal self ta' disgha mija u tletin lira u kellhom isiru pagamenti ta' mija w ghoxrin lira 'l wiehed pagabbli tlett xhur bil-quddiem li gie mmarkat bhala dokument JC 12 [fol 36], prokura ffirmata minn Dottor Daniel Chetcuti tal-Marsa ta' Grace Grech li qed taghti prokura lil imputat sabiex ikun jista jamminstra l-flus u l-proprjeta taghha, li gie mmarkat bhala dokument JC 13 [fol 36], skrittura privata datata erbatax ta' Frar 2002 bejn il-konjugi Pierino u Stella Fiorini u Carmelo Mifsud ta' Triq San Pawl, Hal Ghaxaq, li jigi wkoll bin Maria Fatima Mifsud, ghal self ta' sitt elef sebgha mija u hamsin lira maltin, li gie mmarkat bhala dokument JC 14 [fol 36] u ktieb tal-bank ta' Lorianne Attard tal-Bank of Valletta; kont

numru 40012170810 li gie mmarkat bhala dokument JC 15 [fol 36].

Ix-xhud zied jghid li minn stharrig li ghamel irrizultalu li din il-familja, Maria Fatima Mifsud, bintha, binha, l-partner ta’ bintha, omm il-*partner* ta’ bintha, dawk kollha jghixu f’dar wahda izda li nqasmet f’zewgt idjar, kollha nqabdu f’xibka ta’ self, jissellfu kemm minghand l-imputati kif wkoll minghand haddiehor. Qal li rrizultalu wkoll li Maria Fatima Mifsud tghix in parti minn fuq il-prostituzzjoni u kienet tuza dan il-mistier wkoll biex thallas d-dejn u l-imghaxijiet li kellha ma diversi nies, ghalkemm ma kienx jaf kemm kien ilha ghaddejja din il-prostituzzjoni.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Dicembru 2003 **xehdet Maria Fatima Mifsud** [fol 37] fejn qalet li kellha taghti c-cekk tar-*relief* taghha lil haddiehor, flus ma kellhiex u ghalhekk marret tissellef xi flus minghand l-imputata Stella Fiorini. Ix-xhud qalet li hi kienet talbet lil imputata mitt lira sabiex tghaddihom lil certu George Xuereb li minghandu kienet issellfet xi flus. Qalet li hi kienet bezghet minn George Xuereb li ma taghtihx l-flus w ghalhekk kienet harbet mid-dar w ghamlet erbat ijiem go ghalqa mahruba u s-spiccat biex in-nies bdew jaghtuha l-ghjnuna. Qalet li wara kienet marret ghand l-Pulizija u qaltilhom x’kien gralha.

Mistoqsija jekk kienetx qed taghraf lil imputati odjerni, ix-xhud wiegbet li tgharafhom. Qalet li kien minnu li kienet issellfet flus minghandhom f’diversi okkazzjonijiet. Mistoqsija x’arrangamenti kien hemm dwar l-imghaxijiet, ix-xhud wiegbet li ghal kull mitt lira li ssellfet minghand l-imputata, kienet thallas hamsin lira imghax. Mistoqsija kemm issellfet flus minghandhom, ix-xhud wiegbet li ma kienetx taf peress li kien ilha tissellef zmien twil u cioe xi sbatax il-sena. Qalet li dan l-ahhar kienu waslu f’arrangament li hi taghti lil imputata c-cekk tac-*childrens’ allowance* u taghtiha hames liri kuljum ghal dawk l-ahhar tlett xhur. Meta x-xhud giet murija l-ktieb tal-bank taghha u mistoqsija kif dan kien ghand il-familja Fiorini, ix-xhud wiegbet li peress li hi kellha taghtihom somma flus, l-imputata kienet qaltilha biex imorru ghand l-avukat biex

jghamlu kuntratt biex ic-cekk tac-*childrens' allowance* jidhol fil-kont tal-bank u l-imputata tkun tista tmur tigbdu direttament. Qalet li apparti dan kienet taghti wkoll lil imputata tmienja w ghoxrin lira maltin li kienet tircievi minghand il-gvern ghal mard.

Meta giet murija d-dokument JC 10, ix-xhud wiegbet li hi ma kienetx taf taqra. Mistoqsija jekk ghamlitx xi forma ta' kuntratt bil-miktub bejnha u bejn l-familja Fiorini, ix-xhud wiegbet li kienet ghamlet ghand Dottor Franco Debono. Qalet li s-somma ta' tlett elef mija u hamsin lira hija s-sorte oltre l-imghaxijiet li kienet issellfet minghand l-imputati. Qalet li s-somma kienet tinkludi l-imghaxijiet, pero kemm kienet is-somma originali, ix-xhud ma kienetx taf, peress li gieli ssellfet mija, gieli mitejn w ghalhekk ma kienetx izzomm akkont. Ziedet tghid li apparti l-flus tac-*childrens' allowance*, tal-mard u tar-*relief*, hi kienet taqla flus ohra minn xoghol ta' prostituzzjoni fil-Marsa. Mistoqsija jekk l-imputati qattx marru jfittxuha l-Marsa, ix-xhud wiegbet li gieli marru dan sabiex jigbru l-hames liri ta' kuljum. Mistoqsija jekk l-koppja Fiorini kienux jafu x'kienet qed taghmel l-Marsa, ix-xhud wiegeb li tahseb li kienu jafu.

Mistoqsija jekk qattx giet mhedda minnhom, ix-xhud wiegbet li kien hemm darba meta l-imputat Pierino Fiorini kien heddidha, meta darba hareg stallett u qalilha li jekk ma taghtihx l-hames liri, kien lest li jxoqqha u dakinhar l-imputata kienet qalet lil zewgha "Aqtaghha, bizzejjed." Qalet li dan l-istallet kienu qisu mus bil-molla u kellu l-manku abjad.

Meta giet murija d-dokument JC 16 esibit fl-atti, ix-xhud kkonfermat li dak kien l-istallet in kwistjoni. Ix-xhud cahdet dak li gie suggerit mid-difiza li hi ghamlet perjodu twil ma taghtix flus lil imputata u fil-fatt ikkonfermat u li dejjem tatha. Qalet li qatt ma kien hemm perjodu ta' hames snin li l-imputata ma haditx minghandha.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2003 **xehdet Grace Grech** [fol 40] fejn qalet li hi tigi bint Maria Fatima Mifsud u li tghix maghha. Qalet li hi kienet tircievi flus tar-

*relief* minghand l-Gvern u dawn thallihom ghand l-imputata. Meta giet murija d-dokument JC 11, ix-xhud qalet li dak l-ktieb tal-bank kien taghha u kien ghand l-familja Fiorini peress li darba minnnhom l-imputata kienet sellfitha sitt mitt lira bi pjacir, u hi kienet qalet lil imputata li kienet lesta li thallasha lura billi taghtiha r-*relief*. Qalet li c-cekk tal-gvern taghha kien imur fil-kont tal-bank taghha w imbaghad kienet tmur l-imputata bil-prokura li kienet ghamlitilha hi stess, u tigborhom. Meta giet murija d-dokument JC 13, ix-xhud gharfet dan d-dokument bhala li kien taghha. Ziedet tghid li hi kienet iffirmat karta ohra meta ghamlet s-self mal-imputata. Meta giet murija d-dokument JC 12, ix-xhud qalet li dik kienet skrittura privata u li fuqha hemm il-firma taghha. Ziedet tghid li dan id-dokument jindika li hi kienet issellfet sitt mitt lira minghand l-imputata, pero qalet li ma kienetx taf ghaliex kien hemm miktub is-somma ta’ disgha mija u tletin lira fuq l-iskrittura ghaliex lilha fil-fatt sitt mija kienet taghtha l-imputata. Qalet li ta’ s-sitt mija li ssellfet minghand l-imputata, kellha taghtiha erbgha mija imghax. Kompliet tghid li fil-fatt hi kienet ghamlet xi xoghol ta’ prostituzjoni, pero kienet waqfet tinzel il-Marsa. Qalet li hi kienet taghti lil koppja Fiorini, hames liri kuljum minn dak x-xoghol. Qalet li huma kienu jafu x’kienet tkun taghmel hdejn il-kanal l-Marsa. Qalet li lilha l-imputati qatt ma heddewha ghalkemm lil ommha kienu jhedduha u li quddiemha, lil ommha qatt ma sawwtuha.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Dicembru 2003 **xehed Carmelo Mifsud** [fol 42 u 46] fejn qal li hu jjigi ti-tifel ta’ Maria Fatima Mifsud. Mistoqsi jekk kienx jaf lil imputati odjerni, ix-xhud wiegeb li kien jafhom u li gieli ssellef flus minghandhom kemm il-draba. Qal li mieghu dejjem kien *all right*. Qal li hu kien issellef minghandhom xi tlett elef lira u fuqhom u li t-tfajla tieghu Victoria Sciortino kienet qaltlu li dik s-somma flus kienet telghet ghal sitt elef lira maltin. Meta gie muri d-dokument JC 14, li hija skrittura maghmula quddiem Dottor Victor Scerri, ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu fuqha u zied jghid li dik kienet skrittura ta’ tlett elef lira jew ahjar ftit aktar minn tlett elef li kien issellef minghand l-imputati.

Ix-xhud qal li kien minnu li hu kien ghamel skrittura dwar self ghand Dottor Victor Scerri u li kienu marru dabtejn ghand l-avukat. Qal li darba minnhom kienu marru u sabuh maghluq. Qal li darba minnhom kienu talbuh x’setgha jaghtihom bhala garanzija biex isellfuh l-flus u ma setghux jaghmluha, u wara kienu waslu fi ftehim li kien ser jissellef l-flus minghajr ma jaghti garanzija. Qal li kienu hu u l-imputati odjerni.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Dicembru 2003 **xehdet Lorriane Attard** [fol 44] fejn qalet li hi tigi omm Victoria Sciortino li hija l-*partner* ta’ Carmelo Mifsud li jigi bin Maria Fatima Mifsud. Qalet li hi tghix maghhom wkoll. Murija d-dokument JC 15, ix-xhud wiegbet li dak kien il-ktieb tal-bank taghha. Mistoqsija kif spicca l-ktieb tal-bank taghha ghand l-imputati, x-xhud wiegbet li c-cekkijiet li hi tircievi kienu jidhlu f’dak l-kont. Qalet li kienet tircievi tlett pagamenti, tal-mard, tas-suppliment u tar-*relief* u kollha kienu jidhlu f’dak l-kont. Qalet li l-flus tar-*relief* li kienet tircievi kienu johduhom l-imputati. Qalet li hi kienet issellfet minghand l-imputati somma ta’ erbgha mitt lira u li ghal kull mitt lira li kienet tissellef minghandhom, kienet taghtihom hamsin lira imghax. Mistoqsija jekk taghrafx lil imputati ix-xhud kkonfermat li kienu l-istess persuni li kienet issellfet il-flus minghandhom.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Jannar 2004 **xehed PS 130 Ivan Cilia** [fol 57] fejn qal li nhar l-erbatax ta’ Dicembru 2003 kellu struzzjonijiet mill-Ispettur Joseph Cordina sabiex imur jaghmel tfittxija fir-residenza tal-imputati li gharaf presenti fl-awla, f’Hal Tarxien. Qal li meta mar fil-post indikat lilu nizel fil-*basement* fejn sab vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru ta’ registrazzjoni IBA 458 fejn fiha, ma gemb il-*gear lever*, sab mus. Qal li mieghu kien hemm PC 561 u kien hemm l-imputat odjern presenti wkoll. Qal li sussegwentement kien akkumpanja lil imputat l-ufficju u kien tah ricevuta tal-mus li kien eleva mill-karozza tieghu. Mistoqsi x’oggetti ohra kien hemm fil-vettura tal-imputat, ix-xhud wiegeb li kien hemm xi cwievet u xi flus. Meta gie muri l-istqarriji esibiti bhala dokumenti JC 2 u JC 3 li gew rilaxxjati mill-imputat Pierino Fiorini, ix-xhud gharaf fuqhom kemm il-firma tieghu kif wkoll dik tal-

Ispettur Joseph Cordina u qal li qabel ma dawn gew rilaxxjati, l-imputat kien inghata s-solita twissija kull darba.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Jannar 2004 **xehdet WPC 249 Maruska Debattista** [fol 59] fejn meta giet mistoqsija jekk tgharafx lil imputata odjerna, ix-xhud wiegbet li kienet tgharafha peress li kienet giet interrogata d-Depot fil-Floriana. Meta giet murija l-istqarrija dokument JC 4, ix-xhud qalet li qabel ma din l-istarrija giet rilaxxjata, l-imputata, li gharfet presenti fl-awla, nghatat s-solita twissija mill-Ispettur Joseph Cordina w ikkonfermat il-firma taghha, dik tal-imputata Stella Fiorini u tal-Ispettur Joseph Cordina fuq kull faccata. Qalet li apparti din l-investigazzjoni, lil imputata Stella Fiorini, ma kienetx tafha.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Jannar 2004 **xehdet Victoria Sciortino** [fol 61] fejn qalet li lil imputati odjerni kienet tafhom bhala hbieb taghha kif wkoll peress li gieli ssellfet flus minghandhom. Qalet li minghandhom hi ssellfet s-somma ta’ tlett elef lira maltin fi zmien sentejn jew sentejn u nofs. Qalet li fuq dan s-self hi kienet ghamlet kuntratt li kien gie moqri lilhom minn nutar jew avukat f’ufficju f’Rahal Gdid. Qalet li kienet issellfet tlett elef u mitejn lira. Qalet li sa dakinhar hi kien ghad baqghalha taghti lil imputati s-somma ta’ tlett elef u tlett mija. Qalet li f’dawn is-sentejn hi kienet taghthom ‘l fuq minn tlett elef lira. Qalet li ricevuti tal-hlasijiet li hi ghamlet ma kelliex u li l-hlasijiet kienet taghmilhom kull gimgha. Qalet li quddiem in-nutar pero kien mnizzel li huma sellfuha s-somma ta’ ‘l fuq minn sitt elef lira jigifieri f’dan l-kuntratt hemm miktub s-somma li hi ssellfet minghandhom bl-imghax. Qalet li qabel din l-okkazzjoni hi gieli ssellfet xi flejjes ohra min ghandhom, xi mitt lira li pero ma kienetx hallsithom. Qalet li kien fadlilha ftit u kienu ghaqduhom mal-kont meta kienet issellfet t-tlett elef u mitejn. Qalet li dawk l-flus kienet issellfithom ghaliha, ghal Maria Fatima Mifsud u ghal Grace Grace Grech. Qalet li dawn wkoll kienu ssellfu flus minghand l-imputati. Ziedet tghid li x’kien hemm ezatt bejniethom hi ma kienetx taf pero gieli semghathom jghidu li kien ghad baqghalhom jaghtu xi flus lil imputati. Qalet li fuq il-kuntratt kienu dehru hi u Carmelo Mifsud, bin Maria Fatima Mifsud. Qalet li f’dak l-kuntratt hi kienet dehret

ghaliha nnifisha u ghan nies l-ohra li semmiet w ghalhekk giet qisha assumiet d-dejn taghhom. Qalet li kemm kellhom jiehdu l-ohrajn, hi ma kienetx taf.

Illi nhar l-erbatax ta' Settembru 2005 **regghet xehdet Victoria Sciortino [**[fol 165] fejn qalet li l-iskrittura li hija kienet ghamlet kienet tkopri l-flus kollha nvoluti f'dan il-kaz u ma kienx jinkludi l-flus ta' ommha, jinkludu biss l-flus li harget Maria Fatima Mifusd, Grace Grech, Carmelo Mifsud u taghha. Qalet li dwar l-prokura ta' ommha dwar dan s-self ma setghetx twiegeb peress li ma kienet taf xejn. Ziedet tghid li taf li l-kwistjoni tal-banek saret fuq il-flus ta' Carmelo Mifsud u li tal-ohrajn ma kienet taf xejn. Il-kitba ghand in-nutar saret wara li kienu hadu l-flus. Dwar ommha, ghalkemm tghix maghha, ma kienet taf xejn. Ix-xhud ziedet tghid li mhux l-ewwel darba li kienet taghmel tajjeb hi ghal flus li ommha kieent tissellef, qalet li kien hemm zmien li hi semmiet fix-xhieda precedenti taghha ta' Jannar, fejn ommha kienet tissellef flus minghand l-imputati, pero x'kienet taghmel ommha qabel, hi ma kienet taf xejn. Ikkonkludiet u qalet li l-isktrittura li ghamlu ghand Dottor Victor Scerri ma kienetx tkopri l-flus kollha li kienet issellfet ommha qabel.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2004 **xehed Carmelo Farrugia** [fol 64] fejn qal li hu s-Senior Manager Banking Unit mal-MFSA. Qal li hu gie mitlub jaghmel ricerka fuq Pierino Fiorini detentur tal-karta tal-identita numru 654545M u Stella Fiorini detentrici tal-karta tal-identita numru 585650M w irrizultalu li dawn t-tnejn minn nies m'ghandhomx licenzja sabiex jahdmu bhala istitutzzjonijiet finanzjarji u lanqas ma huma diretturi f'xi socjeta li ghandha tali permess.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Frar 2005 **xehed Dottor Victor Scerri** [fol 152] fejn, meta saritlu referenza ghad-dokument JC 14 datat erbatax ta' Frar 2002, x-xhud iddikjara li kien qed jaghraf lil imputati odjerni bhala l-istess persuni li ghamlu l-imsemmija skrittura quddiemu. Qal li qabel ma hu rrediga din l-iskrittura hu kien ghamel skrittura ohra fejn kienu nvoluti l-istess partijiet u fid-dokument markat bhala JC 14, hemm referenza ghal dan.

Qal li kienu marru t-tieni darba u giet redatta din l-iskrittura u fiha tnizzel li l-flus tal-ewwel skrittura kienu thallsu kollha. Qal li b'dan ried jfisser li l-pendenti li se mai kien ghad hemm dovuti dwar l-ewwel skrittura gew inkluzi f'din t-tieni skrittura w ghalhekk il-bilanc dovut kien dak imsemmi fl-iskrittura dokument JC 14 fl-ammonta ta' sitt elef erbgha mija u hamsin lira maltin. Zied jghid li l-elfejn u erbgha mitt lira li kien ghad hemm pendenti skond l-ewwel skrittura gie nkorporat f"din t-tieni skrittura w ghalhekk il-hames klawsola f'din l-iskrittura giet intiza sabiex il-bilanc dovut skond l-iskrittura ta' qabel, jigi pacut. Mistoqsi jekk hu kienx ghadda kopja ta' din l-iskrittura lil partijiet w dawn iffirmawha quddiemu, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li kien ta kopja kemm lil Mifsud kif wkoll lil imputat, pero jekk zammiex Mifsud jew Sciortino ma kienx jaf, pero kien ghaddilhom kopja zgur.

Illi nhar l-erbgha ta' Mejju 2005 **xehdet Dottor Daniela Chetcuti** [fol 157] fejn meta giet murija d-dokument JC 13 li hija prokura li tinsab esibita a fol 13 tal-atti, ix-xhud ikkonfermat li tali prokura kienet giet maghmula minnha w gharfet il-firma taghha fuq l-istess prokura. Ikkonfermat li dakinhar li kienet giet redatta din l-iskrittura, m'ghaddew ebda flus quddiemha. Ix-xhud ma kienetx f'posizzjoni li tiftakar ic-cirkostanzi partikolari ta' meta hi ghamlet din l-iskrittura. Ziedet tghid li l-partijiet f'din l-iskrittura kienu marru ghandha darbtejn, l-ewwel darba ma kellhomx l-karta tal-identita taghha w ghalhekk l-iskrittura ma setghetx issir u t-tieni darba, li kien l-ghada, kellhom maghhom l-karta tal-identita u ghalhekk saret l-prokura esibita fl-atti. Qalet li darba minnhom kienu marru l-imputat Pierino Fiorini u Grace Grech ghandha, u qalulha li kellhom bzonn dik il-prokura rigwardanti kwistjoni ta' bank. Qalet li fl-ewwel okkazzjoni Grace Grech kienet marret ghandha fil-kumpanija ta'mara ohra u kienu staqsew ghal Dottor Brincat u peress li Dottor Brincat ma kienx jidhol fl-ufficju, kienet qdithom hi.

Mistoqsija minn kienet din il-mara li akkumpanjat ll Grace Grech, ix-xhud m'gharfitx twiegeb pero dakinhar kienu ghamlu uzu mit-telefon taghha ghaliex riedu jcemplu biex jghidu li hi ma setghetx tghamilhom prokura dakinhar.

Mistoqsija jekk hi fehmitx lill-partijiet x'kienet l-portata ta' prokura, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv. Qalet li l-prokura kienet wahda generali pero wara kienu gew kancellati diversi provedimenti f'din l-istess prokura generali ghaliex l-kwistjoni kienet tikkoncerna flus biss. Qalet li minn dak li setghet tifhem dakinhar, il-kwistjoni kienet ta' prattika fis-sens li kienu ser johdulha hsieb l-affarijiet taghha. Qalet li ma kienux issemmew ezattament kwistjonijiet ta' self. Qalet li ma tantx kellha flus w ghalhekk ma tantx kien ser ikun hemm xi konsegwenzi serji.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta, w appuntu mix-xhieda ta' Dottor Victor Scerri, li permezz ta'skrittura redatta minnu esibita fl-atti, huwa kien inkorpora l-ammont ta' flus kollha li l-istess debituri imsemmija fl-iskrittura kellhom fil-konfront tal-imsemmija imputati. Ikkonferma li permezz tad-dokument JC 13, skrittura datata tmienja ta' Marzu 2001, huwa kien inkorpora d-dejn kollu li kellha Grace Grech mal-imputati fl-ammont ta' disgha mija u sitt w tletin lira, permezz tad-dokument JC 10 skirttura datata wkoll tmienja ta' Marzu 2001 huwa kien inkorpora d-dejn kollu li kellha Maria Fatima Mifsud mal-imputati fl-ammont ta' tlett elef mija u hamsin lira, filwaqt li permezz ta' skrittura ohra datata erbatax ta' Frar 2002 dokument JC 14, huwa inkorpora d-dejn kollu li kellu Carmelo Mifsud u Victoria Sciortino mal-imputati.

Illi mix-xhieda ta' l-istess debituri Carmelo Mifsud, Victoria Sciortino, Maria Fatima Mifsud u Grace Grech, jirrizulta li wara l-iffirmar ta' dawn l-iskritturi fuq imsemmija ma sar ebda self iehor. Jirrizulta wkoll minn ezami ta' dawn l-iskritturi li fil-konfront ta' Carmelo Mifsud u Victoria Sciortino, l-imputati ma zammewx imghax zgur, almenu minn dakinhar 'l quddiem u fil-konfront tad-debituri l-ohra, ma hemm l-ebda referenza ghal xi imghax salv ghal dak li jista jirrizulta minn xi disposizzjoni tal-Kodici Civili.

B'dan il-Qorti trid tfisser ghalhekk, li semmai, jekk l-imputati thallsux imghax zejjed fuq xi self ta' flus maghmul minnhom, dan zgur li sar qabel l-erbatax ta' Frar 2002.

Ma hemmx dubbju li *lex non habet oculus retro*. Dan qed jinghad ghaliex il-legislazzjoni dwar r-reat ta' uzura kif kontemplat fl-artikolu 298C, gie introdott fil-legislazzjoni taghna permezz tal-Att III tas-sena 2002 li gie in vigore fix-xahar ta' Mejju tal-istess sena 2002.

Ghalhekk, a bazi tas-suespost, dan r-reat zgur li ma jistax jirrizulta ppruvat.

Dwar t-tieni reat, il-Qorti semghet lil avukat difensur jeccepixxi bir-rispett li f'dan il-kaz, huwa qed jikkontesta li s-self attribwit lil akkuzati ma jikkostitwix attivita finanzjarja fit-terminu tal-artikolu 2 tal-Att XXII tas-sena 1994 [Kap 376].

Illi din d-definizzjoni ghandha zewg ipotesi:

a. “li persuna tikseb holdings jew twettaq xi attivita mnizzla fl-iskeda b'mod <u>regolari</u> jew <u>abitwali</u> u

b. li dan isir ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attivita [‘*for account and at the risk of the person carrying out that activity*’.]”

Illi d-difiza ma jidhirx li qed tikkontesta li l-attivita li taghha huma akkuzati l-imputati, hija dik imnizzla fl-iskeda u cioe ‘self’ – u l-fatt jekk tali self, huwiex regolari jew abitwali, mhux qed jigi kontestat. Dak li d-difiza qed tikkontesta, kif jirrizulta mit-trattazzjoni li ghamlet, hu li s-self maghmul mill-imputati ma sarx ghar-riskju ta' persuna li qed twettaq dik l-attivita. Illi l-ligi tippotezizza sitwazzjoni tripod u cioe li l-persuna li qed issellef, qed issellef lil persuna ohra biex taghmel self hi. Ghalhekk azzjoni ta' self, maghmul minn persuna wahda lil ohra ghal uzu personali taghha, ma jaqax taht d-definizzjoni ta'Istituzzjoni Finanzjarja [vide **Il-Pulizija v Mary Muscat deciza minn din il-Qorti nhar l-erbatax ta' Dicembru 2004 u li minnha ma sarx Appell**].

Ma hemmx dubbju mill-provi prodotti u mix-xhieda mismugha li d-debituri tal-imputati kollha sselfu l-flus ghal

raguni personali taghhom u mhux sabiex isellfu l-istess flus li setghu ssellfu minghand l-imputati, lil terzi. Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, ma jidhirx li hemm lok ghal xi licenzja mill-Awtorita Kompetenti kif imfissra fl-Att XXII tas-sena 1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Fid-dawl ta' dak kollu li ghadu kemm intqal ghalhekk t-tielet akkuza u cioe li xjentement l-imputati kienu parti fl-ghemil jew ipprokuraw jew ghenu jew hajjru l-ghemil ta' xi reati taht s-sub artikolu 1 tal-Att XXII tas-sena 1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Att XXII tas-sena 1994, ma tirrizultax lanqas.

Illi din l-akkuza ma tistax tirrizulta bhala akkuza *ut sic* bhala reat distint, izda hi konsegwenza ghal min jinstab hati fuq l-akkuza fuq imsemmija naxxenti mill-artikolu 3 tal-istess Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-imputati huma wkoll akkuzati talli ghexu ghal kollox jew in parti mill-qligh tal-prostituzzjoni ta' Maria Fatima Mifsud w ohrajn skond l-artikolu 7(1) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif tajjeb osserva l-avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu, sabiex jissusisti dan r-reat hemm bzonn li l-Prosekuzzjoni tipprova n-ness gurdiku li kienu l-imputati li baghtu lil Maria Fatima Mifsud u ohrajn sabiex jipprostitwixxu ruhhom sabiex huma jhallsu ghad-dejn li kellhom sabiex b'hekk l-imputati jghamlu qligh minn fuq il-prostituzzjoni ta' dawn l-istess terzi.

B'dan l-legislatur ried ifisser li hu reat min jghix fuq iil-qligh tal-prostituzzjoni wara li jkun hu stess li hajjar l-prostituzzjoni jew addirittura nsista li jibghat l-persuna sabiex tipprostitwixxi ruha sabiex b'hekk il-hajja tieghu tkun aktar felici. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li kienu l-imputati li ncitaw l-prostituzzjoni.
Fil-fatt **Lord Reid** fis-sentenza ***Shaw v D.P.P. [1962] AC 220*** jghid:

"*The essence of mischief is that of men who live parastitically on prostitutes and their earnings*."

Fil-fatt il-***Qorti tal-Appell preseduta mill-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 1961*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Curmi** jghid, li sabiex jissusisti dan r-reat irid ikun hemm:

*"Il-parassitizmu mill-prostituzzjoni ta' haddiehor. L-ghejxien ghal kollox jew in parti mill-provenjenti tal-prostituzzjoni jippresupponi mhux okkazzjoni wahda ta' qligh baxx, imma sistema ta' sfruttament tat-turpitudni ta' haddiehor, avolja din il-persuna tikkonsenti."*

Irid ikun hemm, ghal essenza ta' dan r-reat, dak li ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija v Carmelo Pace** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Mejju 1971*** li jkun hemm "*certu grad ta' parassitizmu li jrendi possibbli hajja izjed agjata*."

Issa f'dan il-kaz, Maria Fatima Mifsud qatt ma qalet li kienu l-imputati li kienu jibghatuha sabiex tipprostitwixxi ruhha u fil-fatt meta giet mistoqsija jekk l-imputati kienux jafu b'dan, hi wiegbet 'nahseb li kienu jafu.' [fol 38]

Illi l-imputat Pierino Fiorini jghid fl-istqarrija rilaxxjata minnu nhar l-erbatax ta' Dicembru 2003 li tinsab esibita fl-atti bhala dokument JC 3 [fol 24] li hu kien jinzel l-Marsa sabiex jigbor l-flus li kellu jiehu minghand Maria Fatima Mifsud u dan ghaliex kienet tghidlu hi. Minn dan jirrizulta li l-imputat, ghalkemm kien jaf li Maria Fatima Mifsud kienet prostituta u li kien qed jithallas mill-flus li kienet qed taqla minn fuq il-prostituzzjoni, ma kienx hu li kien jibghata tipprostitwixxi ruhha. Hija kienet minn jeddha tmur tipprostitwixxi ruhha. Hu qatt ma ezercita xi pressjoni fuqha sabiex taghmel dan il-mistier biex jithallas.

Ghalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'l fuq dwar dan r-reat, il-Qorti ma thossx li jirrizulta ppruvat sodisfacentement.
Dwar l-ahhar zewg akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat Pierino Fiorini wahdu, il-Qorti thoss li dawn jirrizultaw ppruvati sodisfacentement u dan ghaliex ma hemmx dubbju li l-imputat Pierino Firoini kellu mus fil-pussess

tieghu, kif del resto dan instab fil-vettura tieghu nhar l-erbatax ta' Dicembru 2003 mill-Pulizija, u liema mus gie esibit l-Qorti u li l-istess Maria Fatima Mifsud gharfet li kien l-istess mus li l-imputat kien heddidha li jekk ma taghtihx l-hames liri, kien sejjer ixoqqa bih [fol 39].

L-imputat fl-istqarrija tieghu jichad li fil-fatt hedded lil Maria Fatima Mifsud, jichad wkoll li kellu mus fil-pussess tieghu meta dan instab mill-Pulizija u gie esibit l-Qorti.

Il-Qorti ghalhekk dwar dawn iz-zewg akkuzi tiddikjara li ssib lil imputat Pierino Fiorini hati taghhom.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat Pierino Fiorini esibita fl-atti a fol 32 et seq minn fejn jirrizulta li hija nadifa ghall-ahhar, bla ebda tebgha jew kontravenzjoni registrata fuqha.

Illi ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli l-artikolu 3 u 22(2) tal-Att tas-sena 1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kap 376, l-artikolu 339(1)(e) u 298(c) tal-Kap 9, l-artikolu 7(1) tal-Kap 63 u l-artikolu 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ma ssibx lil imputata STELLA FIORINI hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha u tilliberaha minnhom, filwaqt li tiddikjara li ma ssibx lil imputat PIERINO FIORINI hati tal-ewwel tlett akkuzi u cioe dawk naxxenti mill-Att tas-sena 1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji Kap 376 u mill-Kap 63 dwar il-Prostituzzjoni u mill-akkuza ta' uzura u tilliberah minnhom u tiddikjara li ssibu hati taz-zewg akkuzi l-ohra dwar theddid u pussess ta' mus u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsin lira komplessivament.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------